**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 36/22**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Edith Bugeja**

Illum il-31 ta' Jannar 2022

Il Qorti:

Rat illi tressqet taht arrest Edith Bugeja ta' 33 sena, bint Raymond u Antida nee' Muscat, imwielda tal-Pieta' nhar is-6 ta' Awwissu 1988, resident gewwa Bieb A, Flat 3, Triq San Guzepp Valletta, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 358888M.

Akkuzata talli nhar il- 31 ta' Dicembru 2021 u/jew fil jiem ta' qabel gewwa l-fond numru 18, Triq tal- Karmnu Valletta:

1. Ikkomettiet serq ta' oggetti liema serq huwa kwalifikat bil- valur, bil-persuna u bil- lok ghad dannu ta' Maria Chiara Navarro u/jew persuni ohra;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputata skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-21 ta' Jannar 2022 l-imputata iddikjarat li kienet hatja u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja taghha u tikkonsidra t-twegiba taghha u, jekk ikun il-kaz, terga' lura minnha.

Rat li l-imputata regghet tenniet u kkonfermat l-ammissjoni inkondizzjonata taghha.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputata.

Rat ukoll illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni taghha, l-imputata effettivament mhijiex ħatja tar-reati addebitati lilha. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma soddisfacjentement ippruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta tal-21 ta' Dicembru 2022 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibha hatja tar-reati addebitati lilha u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputata hija netta u ma jinsabu ebda sentenzi registrati kontriha.[1]
- L-imputata irregistrat ammisssjoni fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]

**ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

Ghaldaqstant jista' jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputata ghandha tibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- L-imputata wriet rimors ta' l-agir taghha hekk kif irrizulta mill-istqarrija taghha.

*"Jiddispjacini ta' li gara u li ma rritornajtx il-basket mall-ewwel.*

- Il-prosekuzzjoni tenniet li l-imputata ikkooperat mal-pulizija tul l-investigazzjoni. Madankollu irrizulta li l-oggetti misruqa mhux kollha gew ritornati lura lis-sid sal-lum.
- Fis-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra li ma taghtix piena karcerarja fil-konfront ta' l-imputata izda minflok ghandha tinghata piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal zmien sentejn. Dwar l-oggetti misruqa lis-sid, il-pulizija kienu f'qaghda li jirritornaw uhud mill-oggetti misruqa lura lis-sid filwaqt li l-kumplament ta' l-oggetti misruqa u mhux rikoverati gew valutati ghal erba mija u hamsin Euro (€450).
- Id-difiza tabbraccja din is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni u qablet fis-shih mal-piena suggerita lill-Qorti kif ukoll li s-sid jigi kkumpensat l-ammont ta' erba mija u hamsin ewro bi zmien ghall-hlas. Id-difiza suggerit ukoll li bhala alternattiva ghas-sentenza sospiza ghandha tikkunsidra li tigi liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat ohra stante li dawn huwa l-ewwel kaz taghha mal-Qorti. Min-naha taghha l-

[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition

prosekuzzjoni ma opponietx din il-piena b'dana li tinghata fil-massimu taghha.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi dan ir-reat sehh meta l-imputata kienet tahdem bhala hassiela fid-dar tal-vittmi. Illi waqt il-qadi ta' dan ix-xoghol hija kisret il-fiducja fdata lilha fir-residenza tal-persuni li kienu ingaggjawha u serqitilhom diversi oggetti. Illi l-partijiet infurmaw lill-Qorti illi l-basket li kien misruq illum gie ritornat u l-kumplament tal-valur totali ta' l-oggetti misruqa jammonta ghall- erba' mija u hamsin ewro (€450). Sallum il-gurnata dan l-ammont ghadu ma giex kumpensat lill-vittma/i. Certament wahda mill-akbar effetti li jinhass f'dan it-tip ta' reat huwa l-ksur ta' fiducja li wiehed ikun fada lil persuna gewwa daru, li mbaghad spiccat dderubatu.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-ammont li gie misruq, il-fatt li sar a dannu ta' persuna li kienet qed timpjega lid-derubant, u sar ukoll f'dar ta' abitazzjoni. Ghaldaqstant ir-reat huwa meqjus aggravat, bl-aggravji tal-valur, tal-persuna u tal-lok u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qiedet ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv mhux ser ikun l-iktar piena idonea f'dan il-kaz u li piena li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni irrenda iktar rizultat tenut kont il-fatt li l-Qorti trid hares lejn ir-riforma tal-persuna.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(a), 280(1), 281(b), 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Edith Bugeja, fuq ammissjoni taghha stess, **hatja** ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha u in kwantu ghall-piena tikkundannah prigunerija ghal sena wahda (1) li bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tissospendi l-piena ghal zmien sentejn mill-illum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilita taghha fir-rigward tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(a) u 28H(2) tal-Kodici Kriminali tordna lill-hatja thallas fi zmien sitt xhur mill-llum is-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) lil Maria Chiara Navarro.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu

sabiex isir id-delitt a favur il-Gvern u tordna li l-oggetti misruqa fil-pussess tal-pulizija ghandhom jigu ritornati immedjatament lil Maria Chiara Navarro.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-31 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**